MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 42/2009

**Bonavia Properties Limited.**

**-vs-**

**Michael Deguara**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta’ Jannar 2009 li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti esponiet bir-rispett:

1. Illi s-soċjeta’ attriċi hija proprjetarja ta’ diversi porzjonijiet ta’ raba’ imsejħin “Iċ-Ċarċara”, fil-kuntrada “tad-Delli” jew “tal-Ġnejna”, fil-limiti ta’ l-Imġarr, Malta.

2. Illi l-konvenut Michael Deguara qiegħed jokkupa abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, żewġ porzjonijiet mill-imsemmi raba’.

3. Illi minkejja li s-soċjeta’ attriċi interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-imsemmija porzjonijiet, u jirrilaxxja dan ir-raba’ bil-pussess vakanti favur l-istess soċjeta’ attriċi, dan baqa’ inadempjenti.

4. Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tagħha billi sa fejn taf is-soċjeta’ attriċi l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba tagħha għall-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmija porzjonijiet raba’, fil-limiti ta’ l-Imġarr, Malta, okkupati minnu kif fuq spjegat.

Għaldaqstant s-soċjeta’ esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni li tista’ tirriżulta meħtieġa fil-kors tas-smigħ ta’ din il-kawża:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża *ai termini* ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

2. Konsegwentement, tordna lill-istess konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, jiżgombra miż-żewġ porzjonijiet mir-raba’ imsejjaħ “Iċ-Ċarċara”, fil-kuntrada “tad-Delli” jew “tal-Ġnejna”, fil-limiti ta’ l-Imġarr, Malta, li huwa qiegħed jokkupa abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, u jirrilaxxja l-istess raba’ liberu u vakanti favur is-soċjeta’ attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittri legali tas-16 t’Ottubru 2006 kontra l-konvenut, li huwa nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat l-affidavit ta’ l-attur datat 15 ta’ Jannar 2009:

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-konvenut ippreżenta nota ta’ ammissjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, il-konvenut ammetta t-talba attriċi;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u *ai termini* tat-tieni talba, tiffissa terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------